Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru. 394/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**GRACIE PACE mart Carmel u bint Louis u Josephine nee' Cauchi, imwielda fit-tlieta ta' Mejju, 1965 u residenti 57, Triq Trux, Gharb, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita numru 17465G**

**GIUSEPPA FORMOSA bint Giuseppe Cauchi u Maria Rosa nee' Mizzi, imwielda fis-sbatax ta' Lulju 1934 u residenti 10, Triq Frenc tal-Gharb, Gharb, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 44024G**

**ELIZABETH FARRUGIA mart Ignatius u bint Louis Formosa u Josephine Cauchi, imwielda fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1960 u residenti 5, Triq Frenc tal-Gharb, Gharb, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita numru 36960G**


Qrati tal-Gustizzja

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **GRACIE PACE** mart Carmel u bint Louis u Josephine nee' Cauchi, imwielda fit-tlieta ta' Mejju, 1965 u residenti 57, Triq Trux, Gharb, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita numru 17465G, **GIUSEPPA FORMOSA** bint Giuseppe Cauchi u Maria Rosa nee' Mizzi, imwielda fis-sbatax ta' Lulju 1934 u residenti 10, Triq Frenc tal-Gharb, Gharb, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 44024G u **ELIZABETH FARRUGIA** mart Ignatius u bint Louis Formosa u Josephine Cauchi, imwielda fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1960 u residenti 5, Triq Frenc tal-Gharb, Gharb, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita numru 36960G gew imressqa quddiemha  akkuzati talli nhar it-Tnejn, tmienja [8] ta' Mejju 2006 ghal habta tat-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija (20:15hrs) fi Triq Dun Karm Cachia, Zebbug, Ghawdex:-

1. minghajr hsieb li jaghmlu reat iehor, dahlu f'fond 'St Mary' fejn tghix Mary Azzopardi bil-mohbi taghha jew bi skuza falza jew b'qerq iehor;

2. talli Gracie Pace u Giuseppa Formosa hebbew ghal Mary Azzopardi u kkagunawlha feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Doctor J. Xuereb Curmi M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. talli fl-istess data, lok u hin kisru l-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied;

4. talli ngurjaw w heddew lil Mary Azzopardi bil-kliem.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta'htija barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kolha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil imputati jobbligaw ruhhom li ma jimmolestawx u ma jingurjawx lil Mary Azzopardi.

Semghet lil Mary Azzopardi tiddikjara fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Lulju 2006 li kienet qed tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tat-tlett imputati.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li in vista ta’ din d-dikjarazzjoni ta’ Mary Azzopardi mhux ser tressaq xhieda ohra f’dan il-kaz.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(c), 221(1) u 338 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputati GRACIE PACE, GIUSEPPA FORMOSA u ELIZABETH FARRUGIA hatja tat-tielet [3] akkuza stante li ma gietx ppurvata b’mod sodisfacenti u tilliberhom minnha, filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel [1], t-tieni [2] w r-raba [4] akkuza stante rinunzja da parti ta’ Mary Azzopardi fil-konfront tat-tlett imputati.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------